

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/896

tad-19 ta' Ġunju 2018

**li tistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief u li temenda d-Deċiżjoni 2005/270/KE**

(notifikata bid-dokument C(2018) 3736)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 94/62/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jitnaqqas il-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief u tipprevedi li dawn il-miżuri għandhom jiżguraw li ma jinqabiżx ċertu għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief għal kull persuna fis-sena, jew mira ekwivalenti stabbilita abbażi tal-piż.
- (2) Jenħtieġ li jintużaw sistema ta' rappurtar armonizzata u metodoloġija armonizzata għall-kalkolu tal-konsum ta' basktijiet tal-plastik ħfief għal kull persuna, għall-monitoraġġ ta' dak il-konsum fil-livell tal-Unjoni u biex jiġi vvalutat jekk inkisibx jew le tnaqqis sostnut fil-konsum ta' dan it-tip ta' basktijiet.
- (3) L-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu l-miżuri nazzjonali tagħhom permezz ta' referenza għall-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief jew permezz ta' referenza għall-piż. L-approċċi użati għall-kejl tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief huma marbuta b'mod intrinsiku mal-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ bl-għan li jitnaqqas il-konsum. Għalhekk, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-konsum għandha tipprevedi kalkolu bbażat kemm fuq l-għadd kif ukoll fuq il-piż, sabiex titqies l-għażla tal-Istati Membri bejn iż-żewġ tipi ta' miżuri ta' tnaqqis.
- (4) Meta jittieħdu miżuri sabiex jitnaqqas il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief f'termini ta' piż, għandha tiġi rrappurtata informazzjoni dwar il-piż medju tal-basktijiet tal-plastik ħfief, sabiex iċ-ċifri tal-konsum ikunu jistgħu jiġi konvertiti f'numri u biex ikun jista' jsir tqabbil bejn id-dejta rrappurtata mill-Istati Membri differenti abbażi tal-piż jew abbażi tal-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief.
- (5) L-Istati Membri jistgħu jeskludu l-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna mill-miżuri nazzjonali għat-tnaqqis tal-konsum. Madankollu, dawn il-basktijiet jikkwalifikaw bħala basktijiet tal-plastik għall-għanijiet tal-obbligi ta' rappurtar u għandhom jiġu inklużi fir-rappurtar dwar il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief. Il-metodoloġiji ta' kalkolu bbażati fuq id-dħul minn taxxi, imposti jew levies obbligatorji jistgħu ma jkoprox dawn il-basktijiet eżenti. Sabiex jitqies dan, l-Istati Membri għandhom jesiġu li l-operaturi ekonomiċi jirrapportaw l-għadd jew il-piż tal-basktijiet tal-plastik ħfief kollha introdotti fis-suq, inklużi dawk li huma eżenti minn taxxi, imposti jew levies ta' dan it-tip.
- (6) Il-formati għar-rappurtar dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE <sup>(2)</sup>. Hemm bżonn ta' formati ġodda għall-għanijiet tar-rappurtar dwar il-konsum ta' basktijiet tal-plastik ħfief. Għalhekk, id-Deċiżjoni 2005/270/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 94/62/KE,

<sup>(1)</sup> ĠUL 365, 31.12.1994, p. 10.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE tat-22 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi l-formati relatati mas-sistema tal-bażi tad-dejta skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠUL 86, 5.4.2005, p. 6).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

### Metodoloġija għall-kalkolu u għar-rappurtar tal-konsum annwali

Il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief għal kull persuna għandu jiġi kkalkulat u rrapportat bl-użu tal-metodoloġija għar-rappurtar abbażi tal-għadd stabbilita fl-Artikolu 2, jew tal-metodoloġija għar-rappurtar abbażi tal-piż stabbilita fl-Artikolu 3.

#### Artikolu 2

### Metodoloġija għar-rappurtar abbażi tal-għadd

1. Meta Stat Membru jikkalkula u jirrapporta l-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief abbażi tal-għadd, għandu juża wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) l-għadd totali ta' basktijiet tal-plastik ħfief introdotti fis-suq nazzjonali tiegħu;

(b) l-ammont totali:

(i) tal-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat abbażi tad-dħul minn taxxi, imposti jew levies obligatorji li jridu jitħallsu mill-konsumaturi għal kull unità ta' basktijiet tal-plastik ħfief kif iddikjarat jew irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi skont il-liġijiet nazzjonali, u

(ii) tal-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief eżenti minn dawk it-taxxi, imposti jew levies, introdott fis-suq nazzjonali tiegħu kif irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi f'konformità mal-liġijiet nazzjonali.

2. L-Istati Membri li jirrapportaw il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief skont il-paragrafu 1(a) għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jirrapportaw l-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief introdotti minnhom fis-suq fit-territorju tagħhom għal kull sena kalendarja.

3. L-Istati Membri li jirrapportaw il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief skont il-paragrafu 1(b) għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jirrapportaw l-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief li huma eżenti mit-taxxi, imposti jew levies introdotti minnhom fis-suq fit-territorju tagħhom għal kull sena kalendarja.

4. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-metodoloġija stabbilita fil-paragrafu 1(a) għandhom jirrapportaw il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief skont it-Tabella 4 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2005/270/KE.

5. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-metodoloġija stabbilita fil-paragrafu 1(b) għandhom jirrapportaw il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief skont it-Tabella 5 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2005/270/KE.

#### Artikolu 3

### Metodoloġija għar-rappurtar abbażi tal-piż

1. Meta Stat Membru jikkalkula u jirrapporta l-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief abbażi tal-piż, għandu juża wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) il-piż totali ta' basktijiet tal-plastik ħfief introdotti fis-suq nazzjonali tiegħu;

(b) l-ammont totali:

(i) tal-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat abbażi tad-dħul minn taxxi, imposti jew levies obligatorji li jridu jitħallsu mill-konsumaturi għal kull unità ta' basktijiet tal-plastik ħfief kif iddikjarat jew irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi skont il-liġijiet nazzjonali, u

(ii) tal-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief eżenti minn dawk it-taxxi, imposti jew levies, introdott fis-suq nazzjonali tiegħu kif irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi f'konformità mal-liġijiet nazzjonali.

2. L-Istati Membri li jirrapportaw il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jipprovdu informazzjoni dwar il-piż medju ta' basktijiet tal-plastik ħfief.

3. L-Istati Membri li jirrapportaw il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief skont il-paragrafu 1(a) għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jirrapportaw il-piż totali ta' basktijiet tal-plastik ħfief introdotti minnhom fis-suq tat-territorju tagħhom għal kull sena kalendarja.
4. L-Istati Membri li jirrapportaw il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief skont il-paragrafu 1(b) għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jirrapportaw il-piż totali ta' basktijiet tal-plastik ħfief li huma eżenti mit-taxxi, imposti jew levies introdotti minnhom fis-suq tat-territorju tagħhom għal kull sena kalendarja.
5. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-metodoloġija stabbilita fil-paragrafu 1(a) għandhom jirrapportaw il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief skont it-Tabella 6 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2005/270/KE.
6. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-metodoloġija stabbilita fil-paragrafu 1(b) għandhom jirrapportaw il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief skont it-Tabella 7 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2005/270/KE.

#### Artikolu 4

### Emendi għad-Deċiżjoni 2005/270/KE

Id-Deċiżjoni 2005/270/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 9 jinbidel b'dan li ġej:

#### “Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-dejta dwar il-ġenerazzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trattament tal-iskart mill-imballaġġ billi jagħmlu użu mill-formati stabbiliti fit-Tabella 1, fit-Tabella 2 u fit-Tabella 3 tal-Anness.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-dejta dwar il-konsum ta' basktijiet tal-plastik ħfief billi jagħmlu użu mill-formati stabbiliti fit-Tabella 4 jew fit-Tabella 5 tal-Anness, kif xieraq, għar-rappurtar abbażi tal-ġhadd, u billi jagħmlu użu mill-formati stabbiliti fit-Tabella 6 jew fit-Tabella 7 tal-Anness, kif xieraq, għar-rappurtar abbażi tal-piż.”

- (2) L-Anness huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2018.

Għall-Kummissjoni  
Karmenu VELLA  
Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX

Jiddaħħlu t-Tabelli 4 sa 7 fl-Anness mad-Deċiżjoni 2005/270/KE:

## "TABELLA 4

**Il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/896 (\*)**

L-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief introdotti fis-suq	
Li minnhom ta' ħxuna ta'	
< 15-il mikron	15 < 50 mikron

(\*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/896 tad-19 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief u li temenda d-Deċiżjoni 2005/270/KE (ĠU L 160, 25.6.2018, p. 6).

Noti:

1. Kaxxa bajda: Id-dejta trid tingħata b'mod obbligatorju
2. Kaxxi skuri: Id-dejta tingħata b'mod volontarju

## TABELLA 5

**Il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/896**

L-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat minn taxxi, imposti jew levies obbligatorji			
L-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat minn taxxi, imposti jew levies obbligatorji kif dikjarat jew irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi		L-għadd ta' basktijiet tal-plastik ħfief eżenti minn taxxi, imposti jew levies obbligatorji kif irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi	
(a)		(b)	
(a) + (b)			
Li minnhom ta' ħxuna ta'			
< 15-il mikron	15 < 50 mikron	< 15-il mikron	15 < 50 mikron

Noti:

1. Kaxxa bajda: Id-dejta trid tingħata b'mod obbligatorju
2. Kaxxi skuri: Id-dejta tingħata b'mod volontarju
3. Meta ma jkunx hemm eżenzjoni fis-seħħ, il-valur għal (b) għandu jiġi indikat bħala 0.

TABELLA 6

**Il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/896**

Il-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief introdotti fis-suq			
Il-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief introdotti fis-suq		Piż medju ponderat għal kull basket tal-plastik ħafif kif irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi	
Li minnhom ta' ħxuna ta'		Ta' ħxuna ta'	
< 15-il mikron	15 < 50 mikron	< 15-il mikron	15 < 50 mikron

Noti:

1. Kaxxa bajda: Id-dejta trid tingħata b'mod obbligatorju
2. Kaxxi skuri: Id-dejta tingħata b'mod volontarju

TABELLA 7

**Il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 3(1)(b) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/896**

Il-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat minn taxxi, imposti jew levies obbligatorji					
Il-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief ikkalkulat minn taxxi, imposti jew levies obbligatorji kif dikjarat jew irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi		Il-piż ta' basktijiet tal-plastik ħfief eżenti minn taxxi, imposti jew levies obbligatorji kif irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi		Piż medju għal kull basket tal-plastik ħafif kif irrappurtat mill-operaturi ekonomiċi	
a		b			
a + b					
Li minnhom ta' ħxuna ta'					
< 15-il mikron	15 < 50 mikron	< 15-il mikron	15 < 50 mikron	(a) 15 < 50 mikron	(b) 15 < 50 mikron

Noti:

1. Kaxxa bajda: Id-dejta trid tingħata b'mod obbligatorju
2. Kaxxi skuri: Id-dejta tingħata b'mod volontarju
3. Meta ma jkunx hemm eżenzjoni fis-seħħ, il-valur għal (b) ikun ugwali għal 0."